# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/360

## tal-5 ta' Marzu 2015

## li jiftaħ il-ħażna privata għal-laħam tal-majjal u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajnuna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 20(c), (k), (l), (m) u (n), u l-Artikolu 223(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-punt (h) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi l-possibbiltà li tingħata għajnuna għall-ħażna privata tal-laħam tal-majjal.

(2) Il-prezzijiet medji tas-suq tal-Unjoni rreġistrati kienu taħt il-limitu ta' referenza kif stipulat fil-punt (f) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għal aktar minn 18-il ġimgħa konsekuttiva u għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq il-marġini fis-settur tal-majjali. Is-sitwazzjoni diffiċli persistenti fis-suq tikkomprometti l-istabbiltà finanzjarja ta' ħafna azjendi agrikoli. It-tneħħija temporanja tal-laħam tal-majjal mis-suq tidher meħtieġa sabiex il-bilanċ tas-suq jistabbilixxi ruħu mill-ġdid u jgħolew il-prezzijiet. Għaldaqstant, huwa xieraq li tingħata għajnuna għal ħżin privat tal-laħam tal-majjal u li jiġi ffissat bil-quddiem l-ammont tal-għajnuna.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 [3] stabbilixxa regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għall-ħżin privat.

(4) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, se tingħata għajnuna ffissata minn qabel skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati kif ipprovduti fil-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament.

(5) Sabiex teħfief il-ġestjoni tal-miżura, il-prodotti tal-majjal għandhom jiġu kklassifikati f'kategoriji skont kriterji ta' xebh fir-rigward tal-livell tal-ispejjeż għall-ħżin.

(6) Biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol amministrattiv u ta' kontroll f'dak li għandu x'jaqsam mal-konklużjoni ta' kuntratti, għandhom ikunu ffissati l-kwantitajiet minimi ta' prodotti li għandhom jiġu koperti minn kull applikazzjoni.

(7) Għandha tiġi ffissata garanzija sabiex jiġi żgurat li l-operaturi jaqdu d-dmirijiet kuntrattwali tagħhom u li l-miżura jkollha l-effett mixtieq fuq is-suq.

(8) L-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 jistipula t-tagħrif li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti xi regoli speċifiċi dwar il-frekwenza tan-notifiki rigward il-kwantitajiet li ssir applikazzjoni għalihom fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(9) Il-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni fil-limiti taż-żmien iffissati mill-Presidenza tiegħu,

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
(2) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.
(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli (ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jipprevedi l-għajnuna għall-ħżin privat tal-laħam tal-majjal kif imsemmija fil-punt (h) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. Il-lista tal-kategoriji tal-prodotti eliġibbli għall-għajnuna u l-ammonti korrispondenti jingħataw fl-Anness għal dan ir-Regolament.

3. Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu japplika, għajr meta previst xorta oħra f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

1. Mid-9 ta' Marzu 2015 'l quddiem, jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħażna privata għall-kategoriji tal-prodotti tal-laħam tal-majjal eliġibbli għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1.

2. L-applikazzjonijiet għandhom ikopru perjodu ta' ħżin ta' 90, 120 jew 150 jum.

3. Kull applikazzjoni għandha tirreferi għal kategorija waħda biss mill-kategoriji ta' prodotti elenkati fl-Anness, waqt li tindika l-kodiċi tan-NM rilevanti fi ħdan dik il-kategorija.

4. Kull applikazzjoni għandha tkopri kwantità minima ta' 10 tunnellati għall-prodotti mingħajr għadam, u ta' 15-il tunnellata għal prodotti oħra.

*Artikolu 3*

**Garanziji**

L-ammont tal-garanzija, skont it-tunnellaġġ tal-prodott, li għandha tingħata skont l-Artikolu 16(2)(i) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu jkun ta' 20 % tal-ammonti tal-għajnuna ffissati fil-kolonni 3, 4 u 5 tat-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Frekwenza tan-notifiki tal-kwantitajiet li għalihom intbagħtu applikazzjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni darbtejn fil-ġimgħa l-kwantitajiet li għalihom intbagħtu applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti, kif ġej:

(a) kull nhar ta' Tnejn sa 12:00 (ħin ta' Brussell) il-kwantitajiet li għalihom għalihom intbagħtu applikazzjonijiet il-Ħamis u l-Ġimgħa tal-ġimgħa ta' qabel;

(b) kull nhar ta' Ħamis sa 12:00 (ħin ta' Brussell) il-kwantitajiet li għalihom intbagħtu applikazzjonijiet it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa tal-istess ġimgħa.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Kategoriji ta' prodotti | Prodotti li tingħatalhom l-għajnuna | Ammont tal-għajnuna għal perjodu ta' ħżin ta' (EUR/tunnellata) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | 90 jum | 120 jum | 150 jum |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| **Kategorija 1** | | 230 | 243 | 257 |
| ex 0203 11 10 | Nofs karkassi, mingħajr is-sieq ta' quddiem, id-denb, il-kliewi, il-falda l-irqiqa u s-sinsla tad-dahar ([1]) | | | |
| **Kategorija 2** | | 254 | 266 | 278 |
| ex 0203 12 11 | Prieżet | | | |
| ex 0203 12 19 | Spallejn | | | |
| ex 0203 19 11 | Trufijiet ta' quddiem | | | |
| ex 0203 19 13 | Ġenbejn, bit-tarf tal-għonq jew mingħajru, jew it-truf tal-għonq separatament, il-ġenbejn bil-koxxa jew mingħajrha ([2]) ([3]) | | | |
| **Kategorija 3** | | 281 | 293 | 305 |
| ex 0203 19 55 | Riġlejn, spallejn, truf ta' quddiem, ġenbejn bit-tarf tal-għonq jew mingħajru, jew truf tal-għonq separati, ġenbejn biċ-chump jew mingħajrha, bil-għadam imneħħi ([2]) ([3]) | | | |
| **Kategorija 4** | | 210 | 221 | 233 |
| ex 0203 19 15 | Żquq, sħaħ jew bix-xtur imneħħija b'qatgħa rettangolari | | | |
| **Kategorija 5** | | 226 | 238 | 254 |
| ex 0203 19 55 | Żquq, sħaħ jew bix-xtur imneħħija b'qatgħa rettangolari, mingħajr il-ġilda ta' barra u l-kustilji | | | |
| **Kategorija 6** | | 228 | 241 | 254 |
| ex 0203 19 55 | Qatgħat li jikkorrispondu għan-"nofsijiet", bil-ġilda ta' barra jew bix-xaħam jew mingħajrhom, bl-għadam imneħħi ([4]) | | | |

([1]) L-għajnuna tista' tingħata wkoll għan-nofs karkassi ppreżentati bħala Wiltshire sides, jiġifieri mingħajr ir-ras, il-ħadd, ix-xedaq, is-saqajn, id-denb, il-grass tas-simna, il-kliewi, il-flett, l-għadma tal-ispalla, l-isternu, is-sinsla, l-għadma pelvika u d-dijaframma.
([2]) Il-ġenbejn u t-truf tal-għonq jistgħu jkunu bil-ġilda ta' barra jew mingħajrha, imma s-saff tax-xaħam ta' magħha ma għandux jaqbeż fond ta' 25 mm.
([3]) Il-kwantità kkuntrattata tista' tkopri kull kombinazzjoni tal-prodotti msemmija.
([4]) L-istess preżentazzjoni bħall-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM 0210 19 20.